# AVVIŻ MAĦRUĠ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR151814, Press Release Issue Date: Aug 07, 2015

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali javża li wara li ttieħdu l-passi neċessarji sabiex tissewwa l-ħsara fid-drenaġġ, u wara li ttieħdu diversi kampjuni tal-ilma baħar tul dawn l-aħħar jiem, iż-żona ta' Triq Dawret it-Tunnara faċċata ta' Triq it-Trill, żona aktar magħrufa bħala tas-sorijiet fil-Mellieħa hija tajba għall-għawm u għalhekk l-avviż kontra l-għawm f'din iż-żona qed jiġi rtirat.

Fis-sigħat li ġejjin, ħaddiema mid-Direttorat se jkunu qegħdin ineħħu t-tabbelli li twaħħlu fl-aħħar jiem f'din iż-żona.

Dan id-Direttorat jixtieq ifakkar lill-pubbliku li għawm fiż-żona ta' fejn hemm id-*Dog Friendly Beach* f'Baħar iċ-Ċagħaq għadu mhux rakkomandat minħabba żbroff ta' drenaġġ.

Il-Pubbliku qed jiġi mitlub josserva dawn l-istruzzjonijiet.